**Il-Venerabbli Qaddejja t'Alla Madre Margerita u San Franġisk t'Assisi**

Inħobbu l-Imħabba kienet l-għajta kontinwa ta' Madre Margerita u ta' Missierna San Franġisk. Din hi prova ċara li Madre Margerita xorbot mill-ispiritwalità ta' San Franġisk. Fil-bidu tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li tagħha Madre Margerita hi l-fundatriċi, l-ewwel isem kien Sorijiet Terzjarji Franġiskani. Il-Kongregazzjoni twaqqfet minn Dun Ġużepp Diacono li hu stess kien Terzjarju Franġiskan. Kien minn hawn li Madre Margerita ssawret fl-Ispiritwalità Franġiskana u li tista' tissejjaħ bint denja ta' San Franġisk. San Franġisk kien bniedem Evanġeliku u li jindirizza lil Alla bħala Mħabba żgur li din l-espressjoni ħadha mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann. Kemm San Franġisk kif ukoll Madre Margerita l-iskop ta' ħajjithom kien li jagħmlu lil Alla magħruf u maħbub.

San Franġisk kien bniedem Kristoċentriku u l-ispiritwalità tiegħu kienet ibbażata fuq il-Misteri tal-inkarnazzjoni, tal-fidwa u tal-Ewkaristija, liema spiritwalità Madre Margerita għexitha u kienet tindirizza lis-sorijiet uliedha biex iħarsu lejn Ġesù f'Betlem, fuq il-Kalvarju u fl-Ewkaristija. F'waħda mill-ittri tagħha kitbet: *Inħarsu sew lejn Ġesù Bambin fil-Għar, fuq il-Kalvarju u fl-Ewkaristija, u xi ngħidu? Din hi l-imħabba li nġibilkom! Jewwilla aħna ma rridux li ngawdu minn issa? Kuraġġ, kuraġġ u nkaxkru s-Salib 'l quddiem, għeżież uliedi. L-imħabba mingħajr ħafna tbatija, sagrifiċċju u umiljazzjoni, m'hi mħabba xejn.*

Madre Margerita kienet tħares lejn l-umiltà t'Alla li jiċċekken u jsir tarbija u jitwieled f'għar fqajjar ġewwa Betlem. Dan il-Misteru hi għexitu billi kienet tara dejjem kif ser tixxejjen u tiċċekken. Mhux l-ewwel darba li Madre Margerita kienet tant trid tiċċekken li waslet biex tiffirma l-ittri tagħha bħala *Sor Miżerja.* Ġesù bħala tarbija fl-għar kien dipendenti għal kollox minn ħaddieħor u hekk Madre Margerita kienet tintelaq b'fiduċja assoluta f'idejn Alla.

Madre Margerita kienet tiffissa l-ħarsa tagħha fuq Ġesù msallab u tingħaqad mat-tbatija tiegħu. Darba fost l-oħrajn lil waħda mis-sorijiet kitbitilha: *Dak il-ħelu Għarus Kurċifiss illi miegħu għal dejjem tgħarrast u li inti iġġib fuq sidrek mhux le b'żina, iżda b'tifkira tal-kruċifissjoni illi miegħek Huwa jistenna bir-raġun kollu. Iva, binti maħbuba, kuraġġ, immutu għal min miet għalina fost tant pwieni u tbatija.*

Xi ngħidu għall-imħabba li hija kellha lejn Ġesù Ewkaristija. Madre Margerita kienet spiss tinxteħet f'riġlejn Ġesù Ewkaristija u mingħandu kienet iġġib il-qawwa u l-għajnuna kollha li kellha bżonn f'sitwazzjonijiet diversi. Quddiem id-diffikultajiet minflok ma taqta' qalbha hija kienet tiġri lejn it-Tabernaklu u minnu tfittex kull soluzzjoni li kienet teħtieġ. Hija spiss kienet tikteb lil ħutha s-sorijiet u tħeġġiġhom biex bħala jikbru fl-imħabba lejn Ġesù Ewkaristija. Dan hu l-parir li darba kitbet lil waħda soru: *Attenta li ma titlef l-ebda okkażjoni li tersaq qrib il-ħelu Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu. Issibu dejjem lest biex idawwalna, isabbarna u jgħinna.*

Ejjew nitgħallmu minn dawn iż-żewġ mudelli tal-ħajja spiritwali u bħalhom nitħeġġu bl-imħabba lejn Ġesù f'Betlem, fuq il-Kalvarju u fl-Ewkaristija. Nagħlaq bil-kelmiet ta' Madre Margerita: *Imħabba titħallas b'imħabba oħra. Inħobbu, mela, b'imħabba bla qies lil Dak li wkoll ħabbna b'imħabba bla tarf! Ikun dejjem f'qalbna, f'fommna, f'moħħna; ngħixu dejjem ħajja ta' mħabba mill-qalb, ħelwa, wkoll f'waqtiet iebsin, l-aqwa li dak li nagħmlu, nagħmluh dejjem għall-akbar glorja u ġieh tiegħu.*